# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' t-28 ta' Settembru 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Keith Cremona**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, **Keith Cremona** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, bin Francis Xavier u Theresa neè Attard, imwieled Pietà nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), detentur tal-karta tal-identità numru 530687(M), u joqghod 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta, talli:

1. Nhar is-sebgha (7) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30 hrs) gewwa Santa Venera, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommetti reat u cioè offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu;

4. U aktar talli fl-istess data u / jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone u /. Jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuni;

5. U aktar talli fl-istess data u / jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-Gzejjer l-imgieba tieghu kkagunat bizgha lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Din il-Qorti ntalbet ukoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi cioè Kimberley Cutajar, Diana Tabone u PS 430 St. John jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna bizgha ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skont l-Artikolu 412 tal-Kap. 9 u f'kaz ta' htija, il-qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll illi f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2021, l-istess Imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li din l-Onorabbli Qorti fissritlu xi tfisser tali ammissjoni u wara li kkonsulta mal-konsulent legali tieghu kif ukoll wara li nghata zmien biex jikkunsidra il-pozizzjoni tieghu, ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-Professur A.J. Mamo li fin-notamenti tieghu kien kiteb hekk:

"*Where the defendant is charged before a Court of Magistrates of Judicial Police with an offence punishable on summary proceedings and appears before the Court and he admits the Charge, the Court may proceed to convict him without any evidence being called*."[1]

L-Imputat, debitament assistit, wiegeb hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu wara li kellu ripensament dwar it-twegiba ta' mhux hatja li kien ta meta l-istess akkuzi kienu gew moqrija bil-gurament waqt is-seduta tal-20 ta' Gunju 2011[2]. Il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tatu iz- zmien biex jergghu lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa zamm mal-ammissjoni li kien ghamel waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2021. Ghalhekk, dawn l-imputazzjonijiet gew soddisfacentement ippruvati, u, in vista ta' din l-ammissjoni, din l-Onorabbli Qorti ma tistax ma ssibx lill-Imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet dwar il-piena, l-Qorti kkunsidrat li l-Imputat ma ammettiex il-hitja tieghu fi stadju bikri u ghandu fedina penali preokkupanti u li din ma

[1] "Noted on Criminal Procedure" (Laws Year V) pagna 99
[2] A fol. 22

kienetx l-ewwel darba li kkommetta reati. Ikkunsidrat ukoll il-konkluzjonijiet tal-Ufficjal tal- Probation fis-Social Inquiry Report taghha[3].

Il-qorti tirrileva li t-tielet (3) imputazzjoni ma tirrizultax. Il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet saret rinunzja ghalihom.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 222 (1), 49, 50, u 289, 383, 384, 385, 412C u 412D, tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ttordna, fic-cirkostanzi, li jinhareg probation order ghal-tliet (3) snin.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

---
[3] A fol. 744